MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-26 ta' April, 2013

Appell Civili Numru. 47/2010/1

**Mahmoud Hamd**

**v.**

**Direttur tac-Cittadinanza u Affarijiet ta' Espatrijazzjoni,**
**u l-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

1. Dan hu appell maghmul mill-intimati [l-appellanti] minn sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim' Awla tal-

Qorti Civili, fil-kompetenza kostituzzjonali taghha, fit-30 ta’ Lulju 2012, li permezz taghha dik il-Qorti, iddecidiet hekk:

“1. tiddikjara li ghar-ragunijiet fuq moghtija, l-ilment tar-rikorrent dwar l-applikazzjoni ghall-ghoti ta’ *long term residence* m’ huwiex gustifikat;

“2. tiddikjara li t-twettieq ta’ ordni ta’ tkeccija minn Malta ta’ Mahmoud Hamd [ID 23289A] ser twassal ghal ksur tal-jedd fundamentali tieghu u ta’ ibnu ghat-tgwadija tal-hajja ta’ familja [Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja];

“3 fic-cirkostanzi tordna li m’ghandix tigi mwettqa l-ordni ta’ tkeccija;

“4 tichad it-talba ghall-hlas ta’ kumpens; spejjez bla taxxa bejn il-partijiet.”

2. L-intimati appellaw minn din is-sentenza, u talbu li din il-Qorti tirriformaha billi tikkonfermaha fejn ddecidiet li l-ilment tar-rikorrent dwar l-applikazzjoni ghall-ghoti ta’ *long term residence* m’huwiex gustifikat, u ukoll fejn cahdet it-talba ghall-hlas ta’ kumpens, filwaqt li thassar il-kumplament tas-sentenza, u minflok, tichad it-talbiet tar-rikorrenti appellati bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu.

3. Fl-udjenza tal-4 ta’ Frar 2013 gie trattat l-appell mid-difensuri tal-partijiet, u l-kawza thalliet ghas-sentenza ghad-data tallum.

4. Illi bazikament l-aggravju tal-appellanti huwa fis-sens li ma kienx hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja, stante li ma kinetx tezisti hajja ta’ familja fit-termini ta’ dan l-artikolu konvenzjonali.

**<u>Il-Fatti</u>**

5. Fis-succint il-fatti relevanti huma dawn.

6. L-appellat gie Malta ma’ missieru meta kellu circa erbatax (14)-il sena. Peress li dak iz-zmien huwa kien

taht il-wiehed u ghoxrin (21) sena kien igawdi l-i*status* ta' *exempt person*. Fil-frattemp missieru zzewweg mara Maltija li minnha ghandu wild bl-isem Sancho, li llum ghandu hdax (11)-il sena, u li jigi hu l-appellat.

7. Meta l-appellat ghalaq il-wiehed u ghoxrin (21) sena, tilef l-*exempt status*, izda fit-30 ta' Marzu 2007 applika b'success ghall-permess ta' rezidenza peress li kien ser jizzewweg lil Rachel Gatt, mara Maltija. Fil-25 ta' Ottubru 2007 twieled it-tifel Leyland, u fil-15 ta' Novembru 2007 izzewwgu, wara li kienu ilhom jghixu flimkien circa sentejn.[1]

8. Fil-frattemp irrizulta li fit-13 ta' Novembru 2001 l-appellat kien izzewweg lil Al Ramu El Maz, mara Sirjana, li minnha ghandu t-tifla Harisha li twieldet Malta; izda fit-28 ta' Frar 2008 dan iz-zwieg gie annullat, u Al Ramu, flimkien mat-tifla Harisha, telqu lura lejn is-Sirja.

9. Fil-11 ta' Marzu 2010, l-appellat gie servut b'ordni tat-tnehhija meta gie maghruf mill-Awtoritajiet li hu u martu Rachel Gatt kienu sseparaw *de facto* f'Awissu 2008, u *de jure* fit-23 ta' Jannar 2009.

10. Konsegwentement, l-appellat ipprezenta rikors quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Immigrazzjoni [il-Bord] fit-termini tad-dispozizzjonijiet tal-Att dwar l-Immigrazzjoni [Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta], liema appell gie differit *sine die* wara li fl-udjenza tad-29 ta' Lulju 2010 id-difensur tal-appellat informa lill-Bord li dak in-nhar stess huwa kien ipprezenta l-proceduri kostituzzjonali odjerni.

**<u>Is-Sentenza Appellata</u>**

11. Illi l-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

.................... "omissis" ....................

---

[1] Dep. Rachel Gatt [fol. 43] – prodotta bhala xhud mill-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni.

"L-intimati pprezentaw twegiba fid-9 ta' Settembru 2010 u ddikjaraw:-

"1. Hemm proceduri pendenti quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar l-ordni ta' tkeccija.

"2. L-agir tal-intimati hu ghal kollox legittimu u mehuda skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap. 217).

"3. Ir-rikorrent ma ghamel l-ebda talba biex jinghata long term residence.

"4. M'hemm l-ebda ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni. L-obbligu tal-Istat hu li jirrispetta d-dritt ghall-hajja tal-familja u mhux li jaghti lil xi hadd li tistabilixxi jew li tkompli hajja familjari f'gurisdizzjoni partikolari. Inoltre l-Konvenzjoni Ewropeja ma tipprotegix id-dritt ta' persuna li tghix fi Stat Membru partikolari. L-Istat ghandu kull dritt li jikkontrolla d-dhul u r-residenza ta' persuni li ma jkunux cittadini Maltin (ara **Abdulaziz et vs United Kingdom** deciza fit-28 ta' Mejju 1985).

"Il-qorti semghet ix-xhieda, rat l-atti nkluz in-noti ta sottomissjonijiet.

"L-intimati jsostnu li r-rikorrent kellu fl-ewwel lok jezawrixxi r-rimedji ordinarji. Jirrizulta li hemm appell pendenti quddiem l-Immigration Appeals Board, li gie differit *sine die* wara li sar dan ir-rikors. F'dak il-procediment ir-rikorrent qieghed jimpunja l-ordni biex jitkecca minn Malta. Il-qorti qeghda tifhem li tali ordni nharget peress li r-rikorrent hu *de facto* separat minn ma' martu Rachel Gatt, u li ghalhekk tilef l-jedd tieghu li jibqa' jghix f'Malta. Fil-fatt f'ittra datata 5 ta' Frar 2008[2] mibghuta mid-Dipartiment tac-Cittadinanza, martu giet infurmata li zewgha seta' jibqa' jghix f'Malta. Fl-ittra jinghad ukoll: *"Your attention is being drawn in particular to the fact that your husband would enjoy such right as long as you would be living together. Upon de facto or de jure separation, such right would be lost automatically."*. Jidher ghalhekk li r-rimedju li

[2] Fol. 40.

ghalih qieghed jalludi d-Direttur tad-Dipartiment tac-Cittadinanza mhu ser iwassal lir-rikorrent imkien, gialadarba r-rikorrent tilef l-*exempt status* peress li ma baqax ighix ma' martu[3].

"Ghal dak li jirrigwarda l-ilment tar-rikorrent li t-tkeccija tieghu minn Malta hi kontra l-ligi minhabba l-Avviz Legali 278 tal-2006, jirrizulta li tali ilment ma jistax isir f'dan it-tip ta' procediment meqjus li lanqas ghamel applikazzjoni. Ghalkemm jallega li meta mar biex japplika *"..... bhala long term residence permit ghaliex ilu hawn Malta dak iz-zmien kollu, lanqas biss tawh il-formola u gabulu mitt elf skuza ghala dan ma setax isir. U l-anqas formola ma tawh"*,[4] din hi biss il-verzjoni tar-rikorrent. Kif ghamel haddiehor ir-rikorrent kellu kull opportunita li japplika biex jinghata *long term residence permit*. Dan apparti li f'okkazzjoni ohra r-rikorrent kien diga' ipprezenta applikazzjoni biex jinghata l-*freedom of movement* ghaliex kien ser jizzewweg. Il-qorti ma tifhimx kif din id-darba qieghed ighid li sab l-ostakoli. Jekk kif ighid kien qieghed isib diffikulta biex jipprezenta l-applikazzjoni, seta' facilment fittex l-ghajnuna. Inoltre l-allegazzjoni li t-tkeccija tieghu minn Malta hi kontra l-ligi applikabbli, setghet facilment giet mistharrga fi proceduri ghal stharrig ta' eghmil amministrattiv u mhux f'dan il-procediment. Ghalhekk fir-rigward ta' dan l-ilment ir-rikorrent kellu rimedju ordinarja li kellu jezawrixxi qabel jirrikorri ghal dawn il-proceduri.

"Mill-atti jirrizulta li:-

i. "Ir-rikorrent twieled is-Sirja fl-1 ta' Mejju 1985.

ii. "Hu kien gie jghix Malta flimkien ma' missieru (Khalil Hamd) meta kellu xi 14 il-sena. Missieru zzewweg lil Maria Grazia Psaila u kellhom tifel, Sansho. Permezz ta' ittra datata 10 ta' Lulju 2000[5] id-Dipartiment tac-Cittadinanza gharraf lil Maria Grazia Psaila li r-rikorrent u huh Issam Hamd, *"....may remain and work in Malta until their twenty-first birthday."*. Jirrizulta wkoll li Hamd u Psaila

[3] Ara Artikolu 4 tal-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap. 217).
[4] Fol. 1 tar-rikors promotur.
[5] Fol. 31.

ma baqghux ighixu flimkien minn xi l-2002[6]. Psaila xehedet li bejn ir-rikorrent u Sansho hemm *"....relazzjoni ta' ahwa u veru qrib ta' xulxin."*[7].

iii. "Fil-25 ta' Ottubru 2007 twieled il-minuri Leyland Hamd minn relazzjoni li r-rikorrent kellu ma' Rachel Gatt. F'Novembru 2007 izzewwgu[8]. Il-minuri dejjem ghex Malta, u m'hemmx dubju li ghandu c-cittadinanza Maltija gialadarba ommu hi Maltija.

iv. "Ir-rikorrent u martu sseparaw *de facto* xi sena wara z-zwieg. Jidher li ghalkemm ghal iktar minn darba kien hemm tentattivi ta' rikonciljazzjoni, dawn ma rnexxewx.

v. "Tista' tghid li r-rikorrent qatta' iktar min-nofs hajtu f'Malta. Ir-rikorrent xehed li kemm ilu Malta kienu biss f'okkazzjonijiet rari li mar is-Sirja ghal ftit granet u rritorna lura lejn Malta; *"Jiena kont nahdem regolarment u sahansitra kont inhallas il-vat u t-taxxi kollha bi kwalunkwe bniedem iehor li jahdem f'Malta."*[9]. Fatti li ma gewx kontestati mill-intimati. Meta xehed quddiem il-qorti fis-seduta tal-14 ta' Lulju 2011 iddikjara li ghandu access ghall-ibnu darbtejn fil-gimgha, u li minn meta kellu 17 il-sena hadem bhala kahhal[10].

"M'huwiex kontestat li:-

*"a State is entitled, as a matter of well-established international law and subject to its treaty obligations, to control the entry of aliens into its territory and their residence there (see, among many other authorities, Abdulaziz, Cabales and Balkandali v. the United Kingdom, judgment of 28 May 1985, Series A no. 94, p. 34, § 67, Boujlifa v. France, judgment of 21 October 1997, Reports of Judgments and Decisions 1997-VI, p. 2264, § 42). The Convention does not guarantee the right of an alien to*

---

[6] Ara ittra datata 24 ta' Settembru 2007 li l-pulizija baghatu lid-Dipartiment tac-Cittadinanza.

[7] Affidavit ta' Grace Psaila prezentat fil-15 ta' Marzu 2011.

[8] Ara deposizzjoni ta' Joseph Mizzi, Direttur tad-Dipartiment tac-Cittadinanza, fis-seduta tal-15 ta' Marzu 2011.

[9] Ara affidavit li pprezenta fil-15 ta' Marzu 2011.

[10] Hu minnu li l-provi li ressaq ir-rikorrent huma skarsi hafna, pero` l-qorti m'ghandix tiddubita li qal il-verita iktar u iktar meta tqies li l-intimati ma kkontestawx dak li qal.

*enter or to reside in a particular country.”* (**Nunez v Norway,** 28 ta’ Gunju 2011).

“Min-naha l-ohra l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni jipprovdi:-

“Artikolu 8 tal-Konvenzjoni jipprovdi:-

*“1. Everyone has the right to respect for his private and family life, his home and his correspondence.*

*“2. There shall be no interference by a public authority with the exercise of this right except such as is in accordance with the law and is necessary in a democratic society in the interests of national security, public safety or the economic well-being of the country, for the prevention of disorder or crime, for the protection of health or morals, or for the protection of the rights and freedoms of others.”*

“Ghalkemm ir-rikorrent u martu ma jghixux flimkien, dan il-fatt ma jfissirx li ma tezistix *family life*. Kif osservat il-Qorti Ewropeja fil-kaz **Berrehab vs The Netherlands**[11]:-

“*The Court likewise does not see cohabitation as a sine qua non of family life between parents and minor children. It has held that the relationship created between the spouses by a lawful and genuine marriage - such as that contracted by Mr. and Mrs. Berrehab - has to be regarded as "family life" (see the Abdulaziz, Cabales and Balkandali judgment of 28 May 1985, Series A no. 94, p. 32, § 62). It follows from the concept of family on which Article 8 (art. 8) is based that a child born of such a union is ipso jure part of that relationship; hence, from the moment of the child’s birth and by the very fact of it, there exists between him and his parents a bond amounting to "family life", even if the parents are not then living together*.”

[11] 21 ta’ Gunju 1988. F’dan il-kaz ir-rikorrent kien iddivorzja u ma kienx qieghed jghix ma’ martu fiz-zmien tat-twelid ta’ bintu. Madankollu kemm dam jghix fl-Olanda kien baqa’ f’kuntatt regolari ma’ bintu permezz tal-access li kien jinghata erba’ darbiet fil-gimgha ghal numru ta’ sighat. Il-qorti kkonkludiet li kien hemm ksur tal-Artikolu 8.

"Mela din il-qorti ghandha l-awtorita` li taghmel stharrig jekk f'kaz ta' tkeccija ta' barrani minn Malta, huwiex ser ikun ksur tal-Artikolu 8. M'hemmx dubju li fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz il-qorti tista' wkoll taghmel l-istharrig mill-aspett tal-hajja privata[12]. Dan minkejja li l-ordni tat-tkeccija kienet bazata fuq dak li tghid il-ligi, fis-sens li r-rikorrent tilef l-exempt status gialadarba ma kienx hemm koabitazzjoni.

"Hafna drabi l-ghan ewlieni wara t-tkeccija ta' barrani li ma jkollux jedd ighix fil-pajjiz li jkun qed jospitah, hu l-*economic well-being of the country* (paragrafu 2 ta' Artikolu 8 tal-Konvenzjoni). Wiehed jista' per ezempju jifhem li l-Gvern ikun irid jirregola is-suq tax-xoghol minhabba d-densita tal-popolazzjoni. Il-Qorti Ewropeja ta' Strasbourg tirrikonoxxi li Stat igawdi minn margni ta' apprezzament. Fil-principju il-Konvenzjoni ma taghmel l-ebda projbizzjoni fuq Stat milli jirregola d-dhul u zjarat fit-tul ta' barranin. Madankollu, *"According to the Court's established case-law, however, 'necessity' implies that the interference corresponds to a pressing social need and, in particular, that it is proportionate to the legitimate aim pursued."*[13].

"Hu veru li jidher li fis-Sirja jghixu membri tal-familja tar-rikorrent, bhal ommu, missieru u bintu Hadisha. Pero minn kliemu jidher li qata' l-kuntatt mal-pajjiz ta' origini tieghu. Fis-sentenza **Siham Habbad et vs Onor. Prim'Ministru et[14]**, il-Qorti Kostituzzjonali osservat li t-tkeccija ta' omm it-

---

[12] Sahansitra fil-kaz **A.A. v The United Kingdom** (20 ta' Settembru 2011), il-Qorti Ewropeja osservat: *"It is not necessary to decide the question given that, as Article 8 also protects the right to establish and develop relationships with other human beings and the outside world and can sometimes embrace aspects of an individual's social identity, it must be accepted that the totality of social ties between settled migrants and the community in which they are living constitutes part of the concept of private life within the meaning of Article 8. Thus, regardless of the existence of a family life, the expulsion of a setlled migrant constitutes an interference with his right to respect for private life."*. Kaz li qajjem kontroversja shiha fl-Ingilterra ghaliex l-applikant, li kien dahal l-Ingilterra meta kien ghad ghandu 13 il-sena, kien instab hati ta' stupru li wettaq sentejn wara. B'din is-sentenza l-Qorti Ewropeja ddikjarat li t-tkeccija tal-applikant mill-Ingilterra twassal biex ikun hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni.

[13] Ara Berrehab vs The Netherlands. Il-qorti osservat li f'kazijiet ta' din ix-xorta *"...the legitimate aim pursued has to be weighed against the seriousness of the interference with the applicant's right to respect for their family life"*.

[14] Deciza fid-19 ta' April 2012.

tifla minn Malta *"...ma tkunx proporzjonata mal-iskop legittimu li l-istat irid jilhaq, ghax ikunu qed jigu pregudikati precipwament l-interessi tat-tifla li ma tinfatamx minn ommha. Dak li ntqal fil-kaz ta' Rodrigues da Sliva*[15] *japplika f'dan il-kaz ukoll ghaliex 'the economic well-being of the country does not outweigh the applicant's rights under article 8'"*. Il-qorti tapprezza li dan il-kaz hu kemxejn differenti mill-kaz ta' *Rodrigues da Silva*, ghaliex f'dak il-kaz ghalkemm il-minuri kienet fil-kustodja tal-missier, il-kura taghha kienet f'idejn in-nanniet paterni u l-omm, tant li kienet qeghda titrabba wkoll mill-omm. Jibqa' l-fatt li t-tgawdija tal-genitur u wild tal-kumpannija ta' xulxin hi element fundamentali u essenzjali tal-hajja ta' familja. F'dan il-kaz il-qorti m'ghandix dubju li jekk l-ordni tat-tkeccija kellha titwettaq u b'hekk ir-rikorrent isib ruhu lura fis-Sirja, pajjiz li bhalissa hu mifni fi gwerra civili li halliet eluf ta' nies mejta, eluf ta' nies li harbu mill-pajjiz ghat-Turkija, Jordan, Lebanon u l-Iraq u halliet madwar miljun u nofs persuna bla dar, il-kuntatt tieghu ma' ibnu ser jispicca ghal kollox[16]. Dan b'detriment kemm ghar-rikorrent u ghall-minuri. Wiehed irid ikun realistiku, fis-sens li l-qorti ma tarax li jekk ir-rikorrent jintbghat lura lejn is-Sirja ser ikun f'posizzjoni li meta jrid, kemm minhabba l-kundizzjonijiet prekarji li bhalissa hemm fil-pajjiz u l-qaghda finanzjarja, jigi lura Malta biex izur lill-ibnu. Il-qorti hi moralment konvinta li r-ritorn tar-rikorrent lejn is-Sirja ser iwassal biex l-kuntatt bejn ir-rikorrent u ibnu, li f'Novembru jaghlaq 5 snin, tista' tghid tigi reza impossibbli. Il-konsegwenzi fuq il-minuri ser ikunu

---

[15] F'dan il-kaz il-Qorti Ewropeja tat l-opportunita lill-omm biex minkejja li kienet residenti illegali ghal snin twal wara li kienet skadiet il-visa ta' turista, irregolarizzat il-posizzjoni taghha. Il-qorti osservat: *"In view of the far reaching consequences which an expulsion would have on the responsibilities which the first applicant has as a mother, as well as on her family life with her young daughter, and taking into account that it is clearly in Rachael's best interests for the first applicant to stay in the Netherlands, the Court considers that in the particular circumstances of the case the economic well-being of the country does not outweigh the applicants' rights under article 8, despite the fact that the first applicant was residing illegally in the Netherlands at the time of Rachael's birth"*.

[16] *"Mistoqsi mill-qorti ghalfejn irrid nibqa' Malta jien nwiegeb illi Malta veru drajtha. Mis-Sirja jiena tlaqt meta kont ghadni tifel zghir u ma nafx xejn dwarha. Is-Sirja tlajt biss erba' darbiet kemm ili hawn Malta. Bhalissa hemm ukoll problemi kbar interni gewwa s-Sirja u biex l-affarijiet jittrangaw hemm bzonn ta' snin twal. Jekk jien nintbaghat lura s-Sirja ser nitlef kull kuntatt ma' ibni Leyland."* (xhieda tar-rikorrent fis-seduta tal-14 ta' Lulju 2011).

konsiderevoli u fil-fehma tal-qorti hu essenzjali, fl-interess tal-minuri, li jzomm il-kuntatt li ghandu ma' missieru. L-interess tal-minuri bhala konsiderazzjoni primarja jeghleb l-interess li l-pajjiz ikollu sistema efficjenti ta' kontroll ta' immigrazzjoni f'cirkostanzi bhal dan il-kaz. Dan mehud ukoll in konsiderazzjoni li:-

i. “Ir-rikorrent ilu jghix Malta sa minn meta kien ghadu minorenni u llum ghandu 27 sena. Dan m'huwiex xi kaz ta' persuna li qeghda tipprova tikseb, ghall-ewwel darba, il-jedd li tghix f'Malta;

ii. “Minn dak li qal jidher li integra ruhu sew fil-hajja Maltija. Fil-fatt tghallem ukoll il-lingwa. Inoltre min-naha tal-intimati ma ressqu l-ebda ilment jew ghamlu xi accenn li r-rikorrent hu periklu ghall-ordni pubbliku u sigurta tal-pajjiz;

iii. “Ghandu s-sengha ta' kahhal li hu l-mezz tal-ghixien tieghu;

iv. “Jidher li qata' l-kuntatt mal-familja fis-Sirja, il-pajjiz ta' origini tieghu;

“Ir-rikorrent ghex ghal hafna snin f'Malta u sar membru ta' familja f'Malta li tinkludi ibnu li hu cittadin Malti, u l-qorti m'ghandha l-ebda dubju li ibnu, bhala cittadin Malti, ghandu jedd li jgawdi l-kumpannija, u kura ta' missieru f'ambjent lokali fejn qieghed jitrabba. Fil-fehma tal-qorti fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz ma nzammx bilanc tajjeb bejn l-interessi tar-rikorrent u ibnu li jzommu kuntatt ma' xulxin u l-interess generali kif spjegat fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 8. Ghalhekk tqies li l-ilment tar-rikorrent hu gustifikat.

“Dan m'huwiex xi kaz fejn il-qorti trid tistharreg jekk l-ordni ghandix l-ghan *“for the prevention of disorder or crime”* gialadarba mill-atti ma jirrizultax li r-rikorrent qatt instab hati li kkommetta xi reat. Il-qorti lanqas ma tqies li f'dan il-kaz hemm xi cirkostanza ohra li tissemma fit-tieni paragrafu ta' Artiklu 8 tal-Konvenzjoni, u li jista' jiggustifika d-decizjoni tal-Istat.

"Il-qorti ma tarax li hemm lok li r-rikorrent jinghata xi kumpens kif qieghed jitlob. Ir-rimedju li qieghed jinghata hu adegwat.

................... omissis ...................

**L-Appell**

12. Fl-ewwel lok il-Qorti tosserva li, ghalkemm l-ewwel Qorti kkonkludiet li l-appellant ma kienx ghadu ezawrixxa r-rimedji ordinarji konsistenti f'applikazzjoni sabiex jinghata *long term residence permit*, kif ukoll proceduri ghal stharrig amministrattiv, u, din il-Qorti zzid ukoll l-appell li ghadu pendenti quddiem il-Bord, l-ewwel Qorti xorta wahda ddecidiet li tuza d-diskrezzjoni taghha billi tezercita l-gurisdizzjoni taghha u tisma' u tiddecidi l-ilment kostituzzjonali mertu tal-proceduri odjerni. Minn din id-decizjoni ma sar ebda appell.

*L-Aggravju*

13. Fil-qosor l-aggravju tal-intimati huwa fis-sens li l-ordni tat-tnehhija, fil-kaz prezenti, ma kinitx tivvjola l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni, tenut konsiderazzjoni tas-segwenti fatturi: [1] li, filwaqt li d-dritt ghal rispett tal-hajja ta' familja tipprezumi l-ezistenza ta' tali hajja, fil-kaz in dizamina din ma kienitx tezisti; [2] li f'dan il-kaz ma tezistix rabta soda bejn l-appellat u ibnu; [3] li l-appellant ghandu l-familja tieghu s-Sirja; [4] li ma applikax sabiex jinhariglu permess ta' residenza biex b'hekk jipprova jirregolarizza l-pozizzjoni tieghu f'Malta.

14. Illi dwar l-aspetti legali tal-kaz, il-Qorti taghmel referenza ghall-kazitika citata mill-ewwel Qorti li ddentifikat il-principji gurisprudenzjali interpretattivi tal-imsemmi Artikolu, affermati kemm mill-qrati lokali kif ukoll mill-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem. Izzid biss dak li osservat din l-ahhar Qorti fil-kaz ***Grant v. United Kingdom***[17]:

[17] Appl. 10606/07 – para. 30 - deciza 8 Jannar 2009.

"It is clear from the Court's case-law that children born either to a married couple or to a co-habitating couple are *ipso jure* part of that family from the moment of birth and that family life exists between the children and their parents *[see L. v the Netherlands, no.45582/99 para.35. ECHR.]* Although co-habitation may[18] be a requirement for such a relationship, however, other factors may also serve to demonstrate that a relationship has sufficient constancy to create *de facto* family ties *[Kroon and Others v the Netherlands 27 October 1994. para.30..]* Such factors include the nature and duration of the parents' relationship, and in particular whether they had planned to have a child, whether the father subsequently recognised the child as his; contributions made to the child's care and upbringing; and the quality and regularity of the contact [*see Kroon, cited above, para.30; Keegan v Ireland, 26 May 1994 para.45..; Hans v the Netherlands, no 36983/97, para.42. ECHR.. and Camp and Bourini v the Netherlands, no.28369/95, para.36, ECHR..]"*

15. Fil-kawza ***Siham Habbad et v. L-Onor.Prim Ministru et***[19], din il-Qorti osservat hekk:

"Recentement pero` il-Qorti Ewropeja hadet il-pozizzjoni nqas rigida, u llum qeghda thares aktar lejn l-interessi tal-wild aktar milli tikkoncentra fuq in-nuqqasijiet tal-genituri li dwarhom il-wild m' ghandux x' jaqsam. Fil-kaz ta' ***Rodrigues da Silvia, Hoogkamer v Netherlands*** [2007] 44 EHRR 34... qalet:

"In view of the far reaching consequences which an expulsion would have on the responsibilities which the first applicant has as a mother, as well as on her family life with her young daughter, and taking into account that it is clearly in Rachael's best interests for the applicant to stay in the Netherlands, the Court consideres that in the particular circumstances of the case, the economic well-being of the country does not outweigh the applicants' rights under article 8, despite the fact tha the first

[18] Sottolinear ta' din il-Qorti.
[19] Supra – para. 17.

applicanty was residing illegally in the Netherlands at the time of Rachael's birth [Ara wkoll *Nunez v Norway* 28 Gunju 2011]"

16. Ghalhekk fis-succint il-principji relevanti ghal dan il-kaz huma s-segwenti: bhala regola generali l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni mhuwiex ta' ostakolu sabiex l-Istati Membri jikkontrollaw b'ligijiet ta' Immigrazzjoni d-dhul go pajjizhom ta' immigranti u r-residenza taghhom hemmhekk, kif ukoll mhuwiex ta' ostakolu ghall-espulsjoni ta' immigranti mill-pajjiz, basta din issir fir-rispett tad-dritt konvenzjonali ghall-hajja tal-familja sancit bl-istess artikolu; li ghalkemm l-espulsjoni mill-pajjiz ta' immigrant tista' tikkostitwixxi interferenza fil-hajja familjari tieghu, izda din tivvjola l-Artikolu 8 jekk ma ssibx gustifikazzjoni taht is-sub-inciz 2 tal-istess artikolu; ghalhekk ghandu jinzamm il-bilanc gust bejn l-interessi tal-pajjiz u c-cirkostanzi tal-individwu koncernat, tenut kont principalment ghall-fattispeci ta' kull kaz.

"...the decisions in this field must, in so far as they may interfere with a right protected under paragraph 1 of Article 8, be in accordance with the law and necessary in a democratic society, that is to say, justified by a pressing social need and, in particular proportionate to the legitimate aim pursued..[20]"

17. Ferm il-premess, il-Qorti ser tghaddi sabiex tittratta l-aggravju tal-intimati, fil-varji aspetti tieghu.

18. [A] Illi, ghalkemm l-appellanti jsostnu li f'dan il-kaz ma tezistix hajja ta' familja bejn l-appellat, martu u t-tifel, peress li l-koppja hija llum separata u t-tifel jghix mal-omm, u *"ma giex provat li l-appellat ghandu relazzjoni mal-wild tieghu..",* il-provi juru l-kuntrarju.

19. Il-Qorti tosserva li huwa minnu li l-appellat u martu llum huma separati, izda dawn ghexu flimkien ghal circa sentejn qabel iz-zwieg u disa' xhur wara z-zwieg. Ghandhom wild, cittadin Malti, li twieled fil-25 ta' Ottubru

---

[20] Appl. 46410/99 – para.54 – ***Uner v. the Netherlands*** [GC] 18 ta' Ottubru 2006.

2007, u li ghalhekk illum ghandu hames (5) snin; u l-appellat ghandu access ghal ibnu darbtejn fil-gimgha.

20. Inoltre, ghalkemm huwa minnu li d-Direttur appellant xehed li Rachel Gatt kienet qaltlu li kienet ser tirregistra t-tarbija bhala wild missier mhux maghruf peress li l-appellat ma kienx ta' ghajnuna ghaliha, mill-banda l-ohra, l-istess Rachel Gatt, fix-xhieda taghha quddiem il-Bord qalet hekk:

"Ir-relazzjoni ta' bejnietna tajba hafna. Kull meta kelli bzonnu dejjem sibtu. Jiena nghix bl-ghajnuna socjali. Hu jmantnini. Jiena nhallas il-kera mill-flus tal-ghajnuna socjali[21]."

21. Barra minn hekk ma jirrizultax mill-provi li t-tifel fil-fatt jinsab registrat bhala wild ta' missier mhux maghruf.

22. Fl-affidavit tieghu, l-appellat spjega li hu kien ihallas *".. mitt lira Maltija fix-xahar bhala manteniment ghat-tifel. Bhalissa qed intiha biss mitt ewro ghaliex mhumiex ihalluni nahdem, ghalhekk il-qligh tieghi nizel".* Jghid ukoll li ghandu access ghat-tifel darbtejn fil-gimgha.

23. Fid-dawl tal-premess, din il-Qorti tikkunsidra insostenibbli l-ilment tal-appellant li l-appellat ma ghandux relazzjoni soda ma' ibnu.

24. Inoltre fl-affidavit tieghu l-appellat spjega li jekk imur is-Sirja, li fil-prezent huwa pajjiz mifni bil-glied intern, huwa jinqabad bil-lieva ghal perjodu ta' sena u disa' xhur, u ghalhekk ma jkunx jista' jigi Malta biex jara lil ibnu. Dan certament ma jkunx fl-interess ta' ibnu, u jaghti sostenn lill-osservazzjoni maghmula mill-ewwel Qorti fejn qalet li hi moralment konvinta li r-ritorn tar-rikorrent lejn is-Sirja ser twassal biex il-kuntatt bejnu u bejn it-tifel tieghu li ghandu circa hames (5) snin *"tista' tigi reza impossibli. Il-konsegwenzi fuq il-minuri ser ikunu konsiderevoli u fil-fehma tal-Qorti hu essenzjali, fl-interess tal-minuri, li jzomm il-kuntatt li ghandu ma' missieru. L-interess tal-*

[21] Fol,.43

*minuri bhala konsiderazzjoni primarja jeghleb l-interess li l-pajjiz ikollu sistema efficjenti ta' kontroll ta' immigrazzjoni f'cirkostanzi bhal dan il-kaz".* Din il-Qorti taqbel ma' din il-konkluzjoni.

25. Fl-ahharnett jigi osservat li l-fattispeci ta' dan il-kaz huwa kompletament differenti minn dak fil-kaz ***Samir El Yeferni v. L-Onorevoli Prim Ministru*** deciz fit-28 ta' Gunju 2005 fejn l-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili [Sede Kostituzzjonali] affermat il-principju stabbilit mill-Qorti Ewropeja li l-Artikolu 8 *"does not impose a general obligation to respect the choice of residence of a married couple or to accept the non-national spouse choice for settlement in that country [**Bouchelka v. France** 1997 – kif rapportata fis-sentenza PA[SK]]* ***Raid Mabruk El Masri v. L-Onor, Prim Ministru et*** *– deciza 4.10.2004]"* Fil-kaz ta' Samair Yeferni, cittadin Libjan, il-koppja kellha l-ghazla li tmur tghix fil-Libja, tenut kont li f'dak iz-zmien ma kienx hemm inkwiet fil-pajjiz; u dan apparti mill-fatt li r-rikorrenti kien gie misjub hati f'Malta talli stupra vjolentement tifla ta' erbatax (14)-il sena u kien wehel hames snin prigunerija.

26. Mill-banda l-ohra, fil-kaz odjern, apparti mill-fatt li ma jirrizultax li l-appellat ghandu xi precedenti penali, huwa fil-verita` m'ghandux l-ghazla li jmur pajjizu bic-certezza li ser ikun fil-pozizzjoni li jkompli jkollu kuntatt ma' ibnu.

27. [B] Illi dwar il-fatt li l-appellat ghandu familja fis-Sirja, kemm it-tifla tieghu mill-ewwel zwieg, kif ukoll *"xi tnax-il hutu",* il-Qorti ma tarax li din hi raguni valida bizzejjed sabiex ma jithallhiex jibqa' Malta. Mill-provi jirrizulta mhux kontraddett li l-appellat, li llum ghandu 27 sena, kien gie Malta meta kellu erbatax (14)-il sena circa, u minn dak iz-zmien sallum baqa' jghix Malta. Huwa trabba minn Mary Grace Psaila, il-mara ta' missieru, li hi mara Maltija, u f'Malta ghandu huh Sancho li trabba mieghu.

28. Fl-affidavit taghha, l-imsemmija Mary Grace Psaila, tghid li meta dan kien ingieb Malta minn missieru, kien ghad kellu tlettax (13)-il sena u kienet rabbietu hi, u meta eventwalment hi welldet lil huh Sancho, dawn trabbew

bhala ahwa. Tghid ukoll li *"minghajr l-ghajnuna tieghu [l-appellat] il-hajja ghalija tkun aktar difficli u specjalment ghal huh. Jiena boarded out. L-ghajnuna kemm dwar kera u dwar skola tat-tifel Sancho u anke hajja spiccajt niddependi fuq Mahmoud*[22]*."*

29. Dawn il-fatti mistqarra mill-appellat u mill-imsemmija Mary Grace Psaila ma jsibux kuntrast fil-provi.

30. Inoltre, jigi osservat li, ghalkemm l-appellat ghandu membri tal-familja tieghu jghixu fis-Sirja, il-provi juru li l-familja immedjata tieghu, cioe` ibnu Leyland u huh Sancho, li maghhom ghandu kuntatt kontinwu, jghixu Malta. Ghalhekk, kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti, dan mhuwiex kaz ta' persuna li qeghdha tipprova tikseb ghall-ewwel darba, il-jedd li tghix f'Malta. Illum l-appellat ghandu sebgha u ghoxrin (27) sena u integra ruhu sew fil-hajja Maltija. Barra minnhekk ma jirrizultax li dan ikkommetta xi reati f'Malta, u ghalhekk il-prezenza tieghu f'Malta ma tistax titiqies bhala ta' perikolu ghall-ordni pubbliku jew ghas-sigurta` tal-pajjiz. Inoltre, irrizulta li, ghandu s-sengha ta' kahhal, u li ghalhekk ghandu mezz ta' ghixien f'Malta.

31. Ghalhekk anke din il-parti tal-aggravju hija infondata.

32. [C] Rigward l-ahhar ilment tal-aggravju tal-appellanti, li l-appellat ma applikax sabiex jinghata permess ghar-residenza fit-tul f'Malta, il-Qorti gja` osservat li ma sar ebda appell mid-decizjoni tal-ewwel Qorti li, ghalkemm ikkonkludiet li kien jezisti rimedju ordinarju, xorta wahda deherilha li kellha tezercita l-gurisdizzjoni taghha. Ghalhekk din il-Qorti ser tillimita ruhha billi tafferma l-hsieb tal-ewwel Qorti, u tghid li l-hrug tal-ordni ta' tnehhija, jekk tigi attwata, fil-konfront tal-appellat, tikkostitwixxi fic-cirkostanzi prevalenti interferenza mhux gustifikata fid-dritt tieghu ghal-hajja ta' familja kontemplat fl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni, stante li tikkreja zbilanc bejn l-interess tal-pajjiz u d-dritt tal-

[22] Aff. Maghmul 11 ta' Marzu 2011.

appellat, liema zbilanc ikompli jizdied tenut kont tal-interessi tat-tifel Leyland. Il-mizura addottata mill-appellanti ma tikkostitwix fic-cirkostanzi *“a pressing social need”,* u inoltre, hija sproporzjonata` ghall-ghan legittimu li ghaliha hija ntiza.

Decide
Ghaldaqstant din il-Qorti tichad l-appell, bl-ispejjez kontra l-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------